

32003D0914

L 345/117

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.12.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-22 ta' Diċembru 2003**

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jikkonċerna miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u s-sostituzzjoni tal-Protokoll 1 u 3 għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-KE-Marokk

(2003/914/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, li ilu fis-seħħ minn Marzu 2000, jipprovdi li l-Komunità u l-Marokk jimplimentaw gradwalment aktar liberalizzazzjoni tal-kummerċ reċiproku tagħhom fi prodotti agrikoli.
- (2) Artikolu 18 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jipprovdi li mill-1 ta' Jannar 2000 il-Komunità u r-Renju tal-Marokk janalizzaw is-sitwazzjoni bl-iskop li jiddeterminaw il-miżuri ta' liberalizzazzjoni li għandhom jiġu applikati mill-Partijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.
- (3) Il-Komunità u r-Renju tal-Marokk ftehm u li jissostitwixxu l-Protokoll 1 u 3 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju permezz ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri. Il-ftehim għandu għalhekk jiġi approvat.
- (4) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽²⁾,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jikkonċerna miżuri reċiproċi ta'

liberalizzazzjoni u s-sostituzzjoni tal-Protokoll 1 u 3 għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Marokk fl-Anness ma' hawnhekk huwa b'hekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Protokoll 1 u 3 skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 3.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor stabbilit permezz ta' Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 ⁽³⁾ jew, kif jista' jkun il-każ, mill-kumitati stabbiliti mid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni ta' swieq jew mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz ta' Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ⁽⁴⁾.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perjodu msemmi f'Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

⁽¹⁾ ĠU L 70, tat-18.3.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 178, tat-30.6.2001, p. 1; Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 680/2002 tad-19 ta' April 2002 (ĠU L 104, ta' 1-20.4.2002, p. 26).

⁽⁴⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1; Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tat-12 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ALEMANNO
